Il-MUSEUM fil-Gudja

(L-ewwel parti ta' dan l-artiklu dehret fil-ħarġa ta' din is-sena tal-Ktieb tal-Festa ta' Santa Marija u qed terġa' tidher f'din il-ħarġa)



Fid-9 ta' Mejju li għadda, l-Papa Ġwanni Pawlu II waqt quddiesa fuq il-Fosos tal-Furjana, bbeatifika lil tlieta minn ħutna Maltin: Nazju Falzon, Adeodata Pisani u Dun Ġorġ Preca. Biex infakkru din il-ġrajja kbira, xieraq li nħarsu ftit lejn il-ħidma tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija (mwaqqfa mill-Beatu Ġorġ Preca) fir-raħal tagħna.

Sezzjoni Maskili

Fil-bidu tas-seklu għoxrin it-tagħlim tad-duttrina f'pajjiżna ma tantx kien organizzat. Kien hawn diversi saċerdoti li kienu qed jagħmlu ħilithom biex ixerrdu t-tagħlim tal-Kelma ta' Alla iżda l-isforzi tagħhom aktarx kienu iżolati.

Bosta drabi t-tagħlim kien jingħata minn xebbiet u ġuvintur twajbin iżda li kienu neqsin minn preparazzjoni serja. Għalhekk bla ma riedu, xi daqqiet kienu l-ħtija ta' tagħlim żbaljat. Kien f'dan iż-żmien li Alla nebbaħ lil qassis żagħżugħ – **il-Beatu Ġorġ Preca (1880-1962)** – biex iwaqqaf għaqda ta' ġuvintur, jgħallikhom il-kelma ta' Alla u jgħinhom jgħixuha ħalli mbagħad huma jgħadduha lil ħaddieħor. Hekk bdiet is-**Soċjetà tad-Duttrina Nisranija** magħrufa fostna bħala **M.U.S.E.U.M. (Magister Utinam Sequatur Evangelium Universus Mundus** li tfisser **"Mgħallem, O li kieku d-dinja kollha timxi wara l-Vanġelu tiegħek!")**

L-ewwel dar tad-duttrina nfetħet minn Dun Ġorġ fil-Ħamrun fis-sebgħa ta' Marzu 1907. Fi ftit snin, is-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. fetħet djar għat-tagħlim tad-duttrina f'ħafna parroċċi ta' Malta. Il-Fundatur xtaq li kull waħda minn dawn id-djar tissejjaħ **Qasam**.

Sezzjoni Femminili

Dan il-Qasam infetaħ fit-2 ta' Marzu 1915 bil-permess tal-Kappillan Dun Alfons M. Gauci. Il-bidu tiegħu kien jipprometti ħafna għax fis-16 ta' Lulju 1915 inkorporaw 27 soċja. Dak iż-żmien ma kienx hemm limiti ta' età għall-inkorporazzjoni. Sitta ipperseveraw fis-Soċjetà; tlieta daħlu sorijiet. Fil-bidu tal-ħidma f'din il-parroċċa kienu jiġu xi soċji interni biex jikkoperaw mas-soċji tal-Gudja u jagħmlulhom kuraġġ. Dawn kienu Anna Sciberras (li 'l quddiem saret Reġġenta), Lukarda Caruana u Ġeralda Magri.

Fl-ewwel żminijiet, il-Qasam biddel ħdax-il lokal. L-ewwel superjura kienet Konċetta Barbara; wara li rriżenjat, is-Superjura Ġenerali Giovanna Cutajar fl-1923 innominat lil Pietra Barbara. Wara, peress li ma setgħetx tkompli, fl-1937 ntgħażlet Angela Farrugia u din damet tmexxi għal tnejn u tletin sena.

Wara ħafna tibdil fil-lokal, krew dar fi Triq San Ċiru u fiha damu għoxrin sena. F'dan iż-żmien spiss kien jiġi l-Fundatur jagħmel xi konfereza u n-nies kienu jattendu numerużi. Il-kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Anton Rapa, tant ħabrek biex jara jixxettlu vokazzjonijiet, u għall-grazzja ta' Alla, matul il-ħdax-il sena li dam fil-Gudja, inkorporaw ħames soċji.

Waħda minnhom Tessie Sghendo, fit-23 ta' Awissu 1954, ingħaqdet mas-soċji interni, u llum hi r-Reġġenta. Peress li s-sid kellu bżonn id-dar, sabu dar fi Triq Annunzjata, nru. 13-14. F'Marzu 1961 is-Soċjetà xtrat din id-dar u hekk fl-aħħar il-Qasam tal-Gudja kellu lokal tiegħu.

F'Jannar 1961 saret Sajda Museumina. F'Ġunju 1965 sar programm ta' Ġimgħa Attivitajiet f'għeluq il-50 sena mit-twaqqif tal-Qasam fil-parroċċa.

Minħabba li s-Superjura Angela Farrugia ma setgħetx tattendi regolarment, is-Superjura Elvira Ellul ħasset il-ħtieġa li taħtar superjura proviżorja. Fis-26 ta' Ġunju 1968, is-soċja Cristina Spiteri saret superjura.

Fis-16 ta' Settembru 1995 is-Superjura Ġenerali Hilda Chircop ħatret bħala superjura għall-Qasam tagħna lil Connie Farrugia li qabel kienet superjura, Ħad-Dingli, u għadha tmexxi fil-preżent.

Fis-6 ta' Jannar 1981 inħass il-bżonn li jsir tibdil strutturali fil-Qasam, b'mod speċjali t-tkabbir tal-kappella. Dan seta' jsir bl-għajnuna tas-soċji u ta' xi beneratturi, wara appell li sar mill-Kappillan Kan. Vinċenz Balzan. aktar tibdil sar fl-1987. Issa l-Qasam hu dar sabiħa u xierqa tassew għat-tagħlim tal-Kelma ta' Alla.

Fl-10 ta' Novembru 1985, ġiet organizzata Ġimgħa Attivitajiet f'għeluq is-sebgħin sena mill-ftuħ tal-Qasam. Il-Programm kien jinkludi diversi attivitajiet, fosthom quddiesa konċelerata li fiha ħadu sehem diversi saċerdoti, u li tmexxiet mill-Assistent Ekkleżjastiku tas-Soċjetà, Mons. Lawrence Gatt.

Fil-preżent dan il-Qasam hu megħjun minn soċji ta' Oqsma oħra u fih isiru spiss attivitajiet bħal ċerimonjiu

u laqgħat regolari għaż-żgħażagħ. Jeżisti wkoll grupp ta' ko-operaturi, li jattendu numerużi għal-laqgħat li jsiru għalihom.

J'Alla l-Mulej ikompli jbierek dan il-Qasam billi jxettel fil-Qasam vokazzjonijiet ġodda biex jiġu milħuqa aħjar it-tfal u ż-żgħażagħ ta' dan ir-raħal li qiegħed jikber dejjem aktar.

Il-MUSEUM fil-Gudja

Il-MUSEUM fil-Gudja nfetaħ fis-sena 1914 meta għal Marzu ta' dik is-sena xi soċji mill-Qasam ta' Ħal Luqa, fosthom il-perit Andrè Micallef (1884-1966) u l-għalliem Ġanmari Ellul (1891-1942) kienu jitilgħu l-Gudja kuljum jgħallmu d-duttrina fid-dar nru. 8 Triq il-Lunzjata. Malajr ingħaqdu magħhom xi Gudjani u fil-Milied ta' dik is-sena nsibu li ħmistax-il żagħżugħ ġew inkorporati fil-Kumpanija – kif kienet tissejjaħ is-Soċjetà fil-bidu.

Dawn kienu: **Gaetano Grixti, Franġisk Barbara, Loretu Caruana, ĠioMaria Abdilla, Tobija Pace, Nikola Caruana, Ġużeppi Theuma, Anġelo Saliba, Carmelo Spiteri, Lorenzo Farrugia, Loreto Azzopardi, Salvu Mangion, Ġużeppi Cutajar, Toninu Bonnici u Ġużeppi Caruana**

Gaetano Grixti li kien ħajjat u bniedem ta' skola nħatar bħala l-ewwel superjur tal-Qasam lokali. Barra t-tagħlim tad-duttrina lit-tfal, bdew isiru konferenzi lill-kbar kull nhar ta' Ħadd u għalihom kienu jattendu ħafna nies.

Ftit wara s-soċji krew dar oħra biex isservi ta' Qasam (il-post fejn illum hemm il-każin tal-Banda La Stella). Iżda mħabba diversi ċirkustanzi s-soċji bdew jonqsu ftit ftit. Fl-1920 is-Superjur Grixti siefer lejn l-Amerika. L-erba' soċji li kien baqa' sabu ħafna tfixkil ma' wiċċhom u diżgrazzjatament fl-1926 il-Qasam kellu jagħlaq, pero fil-21 ta' Jannar 1936, is-Sur Ġakomin Gatt mar sab lis-Superjur Ġenerali Eugenio Borg biex jara x'setgħu jagħmlu. Ir-risposta kienet li min xtaq jidħol fis-Soċjetà jibda jattendi l-Qasam ta' Ħal Għaxaq u mbagħad wara jaraw x'kellu jsir. Xi ġimagħtejn wara Dun Ġorġ innifsu ġie l-Gudja, bagħat għal Ġakomin Gatt u qallu li xtaq jiftaħ Qasam ġdid. Għalhekk dak in-nhar stess għamel laqgħa għal kulħadd fil-kappella ta' Santa Katarina. Dawk li attendew intefgħu ma' l-art għax ma kienx hemm bankijiet u Dun Ġorġ qagħad fuq siġġu.

Ftit ġranet wara l-Fundatur reġa' ġie l-Gudja u din id-darba ġabar lill-ġuvintur biss. Il-laqgħa saret għand wieħed nutar li kien joqgħod f'nru. 37, Triq il-Kbira. Wara l-laqgħa Dun Ġorġ wiegħed lil dawk li kienu tħajru jingħaqdu mas-Soċjetà li kien se jibagħtilhom lil Ġużeppi Maniscalco minn Bormla biex jorganizza l-Qasam.

Miegħu kienu jiġu wkoll is-soċji Ċikku Micallef u Ġużeppi Mizzi mill-Birgu. Dawn kienu jiġu kuljum bil-karozzin.

Il-ftuħ tal-Qasam sar minn Dun Ġorġ Preca nhar it-12 ta' Frar 1936 u xahrejn wara ġie mogħti n-numru XXXIII.

Il-membri kienu jagħmlu l-laqgħat għand in-Nutar Franġisku Farrugia, fil-kamra ta' barra. Is-sid ma kienx iżdommilhom kera. Iżda billi ma tantx kellhom wisgħa ftit taż-żmien wara krew id-dar nru. 167, Triq il-Kbira. Hawn ġew organizzati l-klassijiet il-kbar tal-Preparatorju u tal-Magħżulin, u fil-15 ta' Novembru 1936 saret l-ewwel ċerimonja tal-Magħżulin u tal-Kandidati.

Ftit wara l-Qasam ġie trasferit għal nru. 15, Triq Santa Katarina. Hawn bdiet issir id-duttrina tat-tfal bi tħejjija għall-Ewwel Tqarbina. Il-Viċi Kappillan Dun Anton Debono xtaq li l-Festa ta' l-Ewwel Tqarbina tkun tassew okkażjoni kbira. Għalhekk dakinhar filgħodu l-kleru u l-abbatini marru proċessjonalment sa ħdejn il-Qasam biex jakkumpanjaw lit-tfal ċkejknin sal-knisja bl-aktar mod sollenni.

Żmien il-Gwerra

Is-Superjur Maniscalco ra li l-karozzin ma tantx kien jaqdih tajjeb bħala mezz ta' transport għalhekk iddeċieda li jixtri karozza li dak iż-żmien kienet tassew rari u tqum ħafna flus. Iżda ftit wara li bdiet il-gwerra l-Militar ġabar il-karozzi u fosthom ħa wkoll dik tas-Superjur Maniscalco. Minħabba f'hekk, it-tliet soċji barranin ma setgħux jibqgħu jattendu iżjed il-Gudja.

Ġara wkoll li d-dar fejn kienet issir id-duttrina ttieħdet mill-Gvern biex tilqa' fiha r-refuġjati li kienu ġew mill-Kottonera. Fost dawn kien hemm is-soċju Ġużeppi Mizzi li ġie joqgħod hawn mal-familja tiegħu. Ġew ukoll is-soċji Feliċe Dalli minn Ħal Tarxien u Wenzu Dingli mill-Birgu. Is-soċju Ġużeppi Mizzi nħatar Superjur flok Ġużeppi Maniscalco.

Tul il-gwerra l-Qasam Gudjan baqa' miexi bil-ħidma tiegħu mill-aħjar li seta'. Matul il-ġimgħa l-laqgħat kienu jsiru fil-kappella tal-Lunzjata u nhar ta' Ħadd il-membri kienu jiltaqgħu fid-dar tas-soċju Ġakomin Gatt.

Wara l-Gwerra

Wara li ntemmet il-gwerra s-soċji li kienu refuġjati telqu lura lejn ir-raħal tagħhom. Minflokom inbagħtu Ġużeppi Camilleri u Ġanni Zammit minn Raħal Ġdid u Amatore Gambin minn Ħal Tarxien. Bħala Superjur intagħżel Ġakomin Gatt.

F'Novembru 1944, reġgħet bdiet id-dutrina tat-tfal bħal qabel fid-dar nru. 12, Triq Santa Marija, u f'Jannar 1945 bdew isiru konferenzi għall-irġiel kull nhar ta' Ħadd.

Fl-1952 is-Superjur Ġakomin Gatt irtira għal xi żmien minħabba raġunijiet personali u minfloku beda jmexxi l-Qasam is-Superjur Ġużeppi Camilleri. Hu dam f'din il-kariga sa l-1954. Warajh reġa' sar is-Superjur Ġakomin Gatt.

Il-Post Fejn Qegħdin Illum

Fl-1952 tlesta l-bini ta' l-iskola primarja tal-gvern. Meta d-dar nru. 14, Triq Santa Marija, li kienet qed isservi bħala skola tbattlet, is-Soċjetà kriet dan il-post biex jintuża bħala Qasam billi hu aktar spazjuż mid-dar l-oħra.

Nhar il-Ħadd 11 ta' Ottubru fis-sebgħa ta' filgħodu tqaddset quddiesa fil-Qasam mir-Rev. Saċ. Dun Ġwann Briffa Brincati li għaliha attendew it-tfal u l-benefatturi. Wara l-quddiesa l-kappillan Dun Ġerald Frendo kkonsagra l-Qasam lill-Qlub Imqaddsa ta' Ġesù u ta' Marija.

Fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija mbagħad sar it-tberik u l-inawgurazzjoni tal-Qasam mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Emanuel Galea. L-indirizz lill-Eċċ. Tiegħu sar mis-Superjur Francesco Saliba (li aktar tard sar it-tieni Superjur Ġenerali tas-Soċjetà).

Tifkira ta' Għeluq il-25 Sena mill-Ftuħ tal-Qasam

Bejn is-16 u t-23 ta' April 1961 saret ġimgħa ta' attività biex tfakkar għeluq il-25 sena mill-ftuħ tal-Qasam fil-Gudja. Nhar il-Ġimgħa 21 ta' April saret lezzjoni għall-pubbliku minn Dun Ġorġ. Il-programm għalaq b'Te Deum u l-Barka Sagramentali fil-Knisja Parrokkjali l-Ħadd wara nofs in-nhar.

Superjur Ġdid

Is-Superjur Ġakomin Gatt irtira mill-kariga fl-1963 u ġie maħtur Superjur Onorarju. Minfloku beda jmexxi bħala Superjur delegat Ġużeppi Vella K.B.O. sakemm fit-23 ta' Lulju 1964 is-Superjur Ġenerali li għażel lil Ġużeppi Azzopardi bħala Superjur Proviżorju. Huwa baqa' jmexxi l-Qasam għal tlettax-il sena.

Laqgħa taż-Żgħażagħ

F'Mejju 1965 bdiet issir il-Laqgħa taż-Żgħażagħ li tiġi organizzata kull l-ewwel ġimgħa tax-xahar. Il-Qasam Gudjan kien wieħed minn ta' l-ewwel li beda jorganizza dawn il-laqgħat u għall-grazzja ta' Alla din il-laqgħa għadha ssir u hija popolari ħafna maż-żgħażagħ Gudjani li dejjem jattendu numerużi għaliha.

Il-Qasam jingħata lis-Soċjetà

Ġrajja oħra importanti fl-istorja tal-Qasam seħħet fit-22 ta' Awissu 1974 meta sid il-post, is-Sur Salvatore Zammit, Gudjan li kien qed jgħix fl-Awstralja, ta' lis-Soċjetà dan il-lokal biex jintuża għat-tagħlim tad-duttrina. Biex titfakkar din il-ġrajja twaħħlet lapida ta' l-irħam mal-faċċata tal-Qasam. Din inkixfet u tbierket f'ċerimonja sempliċi mill-kappillan Vincent Balzan nhar id-29 ta' Settembru 1974, festa ta' San Mikiel Arkanġlu.

Jinħatar Superjur ieħor

F'Ġunju ta' l-1977 is-Superjur Azzopardi ġie magħżul bħala Superjur tal-Korp Eżekuttiv tas-Soċjetà. Minfloku ntgħażel is-Superjur Emanuel Farrugia biex imexxi l-Qasam.

Issa li l-Qasam sar proprjetà tas-Soċjetà, il-membri lokali bdew jaħsbu biex xi kmamar żgħar li kien hemm fil-bitħa jinħattu u minflokom jinbnew kmamar ġodda spazjużi u arjużi fejn it-tfal Gudjani jistgħu jilqgħu l-Kelma ta' Alla f'ambjent pjaċevoli. Inbidlu wkoll ħafna mill-aperturi ta' l-injam li kienu qdiemu sew u minflokom saru oħrajn tal-ħadid. Dan ix-xogħol sar b'sagrifiċċji kbar mis-Superjur u membri oħra tal-Qasam fil-ħin tal-mistrieħ tagħhom.

F'Awissu ta' l-1982 is-Superjur Emanuel Farrugia rtira mill-kariga minħabba raġunijiet personali u minfloku ntgħażel is-Superjur preżenti Michael Angelo Spiteri.

Kappella Ġdida

Kien ilu jinħass il-bżonn li l-Qasam ikollu kappella spazjuża fejn it-tfal kollha setgħu jinġabru flimkien f'okkażjonijiet speċjali. Għalhekk, f'Awissu ta' l-1985 nbeda x-xogħol biex il-kappella eżistenti u l-kamra ta' warajha jsiru sala waħda. Inbidel ukoll is-saqaf tax-xorok u sar wieħed ġdid tal-konkrit. Ix-xogħol sar kollu mis-soċji tal-Qasam mgħejjuna minn xi ex-membri.

Il-kappella l-ġdida ġiet inawgurata b'quddiesa li tqaddset mill-Kappillan nhar il-15 ta' Settemrbu 1986. B'hekk ingħata wkoll bidu għal ġimgħatejn ta' attività biex jitfakkar għeluq il-50 sena mill-ftuħ tal-Qasam.

F"Ġunju ta' l-1992, twaqqgħu xi kmamar oħra fuq in-naħa ta' ġewwa u minflokhom inbnew oħrajn aktar arjużi. Il-ġnien li kien hemm fil-bitħa tneħħa biex it-tfal ikollhom aktar spazju fejn jilgħabu.

Għeluq

Illum il-**Qasam XXXIII** għandu post importanti fil-ħajja tar-raħal tagħna. Għall-grazzja ta' Alla, kuljum numru sabiħ ta' tfal jattendu fih biex jieħdu l-formazzjoni Nisranija tagħhom. Dan hu l-aqwa preġju li għandu l-Qasam.

J'Alla l-ħidma li nbdiet b'tant sagrifiċċju 65 sena ilu tkompli għalli ġej.

Soċji minn Oqsma Oħra

Minn żmien il-gwerra 'l hawn numru mhux żgħir ta' soċji minn Ħal Tarxien, Raħal Ġdid u xi rħula oħra kienu jitilgħu kuljum, ħafna minnhom bir-roti, biex jgħallmu d-duttrina lit-tfal tagħna. Dan kien isir b'sagrifiċċju kbir! Ta' dan nirringrazzjawhom u nitolbu għalihom. Dawn kienu:

Ġużeppi Camilleri (Raħal Ġdid), Amatore Gambin (Ħal Tarxien), Ġanni Zammit (Raħal Ġdid), Eddy Ear (Raħal Ġdid), Victor Decelis (Raħal Ġdid), Mattew Pace (Raħal Ġdid), Florio Schembri (Raħal Ġdid), Vincent Meli (Ħal Tarxien), Salvu Abela (Ħal Tarxien), Karmenu Ellul (Ħal Tarxien), Salvu Farrugia (Ħal Tarxien), James Caruana (Taxien), Paul Attard (Siġġiewi), Carmel Callus (Siġġiewi), Michael Mizzi (Kalkara), Mario Camilleri (Żurrieq) u Paul Farrugia (Ħal Luqa)

Vokazzjonijiet li Ħarġu mill-Qasam tal-Gudja

Rev. Daniel Farrugia
Rev. Carmel Farrugia
Rev. Trevor Fairclough
Rev. Ġilormu Mangion O.S.A.
Rev. Carmel Zammit
Bro. Vincent Rotin O.C.

Soċji li nkorporaw mill-Qasam tal-Gudja

Isem is-Soċju	Meta nkorpora	Isem is-Soċju	Meta nkorpora
Ġiacomo Gatt	24-6-37	Francis Calleja	25-12-67
Bertu Farrugia	24-6-39	Carmel Zammit	25-12-67
Loretu Portelli	25-12-40	Saviour Portelli	22-6-68
Franġisku Barbara	25-12-46	Mario Mangion	25-12-69
Carmelo Bonnici	25-12-49	Ġużeppi Demicoli	25-12-69
Ġużeppi Azzopardi	25-12-52	Saviour Baldacchino	21-6-70
Ġanni Dalli	28-6-53	Tony Pace	27-6-71
Ġużeppi Mangion	27-6-54	Gerry Pace	23-6-74
Carmelo Farrugia	25-12-57	Trevor Fairclough	23-6-74
Ġużeppi Farrugia	25-12-58	Martin Abela	23-6-74
Pawlu Farrugia	25-12-60	Charles Zammit	26-6-77
Michael Angelo Spiteri	25-12-64	Richard Zammit	25-12-77
Emanuel Calleja	25-12-66	Emanuel Barbara	25-6-78
Francis Pace	25-12-66	Godfrey Scicluna	25-12-83
Emanuel Farrugia	25-12-67	Simon Bonnici	25-12-95
		Steve Barbara	25-6-2000

Superjuri li mexxew il-Qasam tal-Gudja

Ġużeppi Maniscalco	1936-1940
Ġużeppi Mizzi	1940-1944
Ġiacomo Gatt	1944-1950
Ġużeppi Camilleri	1950-1952
Ġiacomo Gatt	1952-1963
Ġużeppi Vella (Delegat)	1963-1964
Ġużeppi Azzopardi	1964-1977
Emanuel Farrugia	1977-1982
Michael Angelo Spiteri	1982-

Dan it-tagħrif ittieħed mil-librett li l-Qasam Gudjan ħareġ f'għeluq il-50 sena mill-ftuħ tiegħu.